Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 550/2016

Il-Pulizija

Vs

Mario Azzopardi

Anthony Azzopardi

Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar

Illum 2 ta' April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Mario Azzopardi detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 442770M, Anthony Azzopardi detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 419957M u l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar detentur tal-karta tal-identità bin-numru 66720A, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-17 ta' Awwissu 2016 u fil-jiem ta' qabel, fl-ibhra tas-sajd jew fuq il-bahar fil-Mediterran u gewwa port f'Malta, skont il-kaz:

1. Talli l-persuna li fil-mument kellha l-kmand tal-bastiment, Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar, ma kienx awtorizzat taht id-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi

biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali, bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli naqsu milli jottemporaw ghall-obbligi taghhom taht ir-regolament 3(ċ) tal-L.S. 425.07 u dana fir-rigward ta' nuqqas illi josservaw ir-rekwizit illi l-liċenzja li nharget tinzamm fuq il-bastiment tas-sajd f'kull hin;

Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi wahedhom talli;

3. Naqsu milli jottemporaw ghall-obbligi taghhom taht l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 404/2011 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar tal-bastiment tas-sajd mehtiega bl-istess dispozizzjoni, bi ksur tal-L.S. 425.08 u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont id-dispozizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u preċizament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni;

4. U aktar talli naqsu milli jottemporaw ghall-obbligi taghhom taht ir-regolament 17(b) tal-L.S. 425.07 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar tal-bastiment tas-sajd bl-isem u l-port ta' ritorn fuq il-poppa skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;

5. U kif ukoll talli naqsu milli jottemporaw ghall-obbligi taghhom taht ir-regolament 19(b) tal-L.S. 425.07 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar tal-irkaptu bin-numru tal-bastiment moghti lilu mid-Dipartiment;

Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar wahdu talli;

6. Naqas milli jottempora ghall-obbligi tieghu taht l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) 1224/2009 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet li jirrispetta l-kondizzjonijiet u r-restrizzjonijiet relatati mal-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd u

l-irkaptu tiegħu meħtieġa bl-istess dispożizzjoni, bi ksur tal-L.S. 425.08 u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont id-dispożizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u preċiżament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni;

7. U kif ukoll talli naqas milli jottempora għall-obbligi tiegħu taħt l-artikolu 13 tal-Kap. 425 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi żamm jew ħalla li jinżamm abbord il-bastiment tas-sajd ħut li ma kienx mittieħed skont liċenzja tas-sajd provduta taħt l-Att;

Anthony Azzopardi, Mario Azzopardi u Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar talli;

8. Għaddew dokumentazzjoni b'tagħrif falz fir-rigward tal-kaptan preżenti abbord il-bastiment lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna li kull ħut li kien abbord l-bastiment tas-sajd Hannibal I li jinsab maqbud taħt l-awtorità tad-Direttur tas-sajd skont il-poteri taħt il-Kap 425 ikun konfiskat favur il-Gvern u tal-Artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fir-rigward taż-żamma jew konfiska kif hemm dispost kif il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun li tordna u timponi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-9 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu indikati mill-prosekuzzjoni ma sabitx lill-imputati Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u minnhom illiberathom; ma sabitx lill-imputat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ħati tal-ewwel (1), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u minnhom illiberatu, u wara li rat artikolu 3(c) tal-L.S. 425.07 u Artikolu 8 tar-Regolament (KE) 1224/2009 u 17 (f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabitu ħati tat-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjoni u kkundannatu multa komplessiva ta' tlett elef ewro (€3000).

Il-Qorti nnutat li mhuwiex il-kaz li jigi applikati l-poteri taht l-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni li tordna li kull hut li kien abbord il-bastiment tas-Sajd Hannibal 1 ikun konfiskat u ordnat ir-rilaxx tal-istess immedjatament. Il-Qorti ordnat r-rilaxx effettiv u finali tal-bastiment Hannibal 1 lis-sidien tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Novembru 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn tikkonferma dik il-parti fejn sabet lil Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar hati tat-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjoni u thassar dik il-parti fejn ma sabitux hati tal-ewwel (1), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni u minflok issibu hati taghhom skont l-akkuza u tinfliggi piena skont il-ligi b'dana illi l-hut li kien abbord il-bastiment li jinsab maqbud taht l-awtorità tad-Dipartiment tas-Sajd jigu kkonfiskati favur il-Gvern u d-Direttur tas-Sajd, fid-diskrezzjoni tieghu skont l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, jordna x'ghandu jsir minnhom.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

Illi fl-erbatax (14)-il jum ta' Novembru tal-elfejn u sittax (2016) il-Kummissarju tal-Pulizija ntavola nota li kien bihsiebu jappella mis-sentenza fl-ismijiet premessi u sussegwentement u cioè l-ghada l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza fejn hassu manifestament aggravat b'tali sentenza in kwantu li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi bil-konsegwenza li saret enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tiddeciedi l-kaz odjern;

Illi l-aggravji tal-esponent Avukat Generali jirrigwardaw principalment l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Illi trattandosi ta' apprezament tal-fatti, hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi

tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Illi a skans ta' kull ekwivoku jinghad li dan l-appell jitratta limitatament l-imputazzjonijiet fir-rigward tal-appellat **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar** fejn kif appena accenat l-ewwel Qorti ddecidiet li ma ssibx htija fl-ewwel (1), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni fejn appuntu l-esponent qed isostni li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragonvolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fis-sentenza appellata, u dana hekk kif ser jigi spjegat b'mod kemm jista' jkun skjett f'dan l-umli appell.

**L-ewwel (1) imputazzjoni – Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ma kienx awtorizzat li jkun kaptan**

Illi in succint fl-ewwel lok jinghad li d-difiza fis-sottomissjonijiet taghha qalet li bhala licenzja tas-sajd li tinsab a fol 77 immarkata bhala Dok. MT1 m'hemmx kontestazzjoni li dina kienet skaduta izda sar accenn li kien hemm applikazzjoni ohra li kienet ghadha pendenti;

Illi fir-rigward tal-kundizzjonijiet li huma attaccjati ma' tali licenzja, skont id-difiza dawn huma dawk indikati fl-artikolu 12 (3) tal-Kapitolu 425 ghax skontha dan l-artikolu jghid *illi l-kundizzjonijiet ghandhom ikunu …*

Illi l-ewwel Qorti qalet li l-prosekuzzjoni sostniet li **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar** ma kienx awtorizzat taht dispozizzjonijiet relevanti tal-ligi biex ikun kaptan bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kap 425. Illi skont l-ewwel Qorti kien stat ta' fatt illi kien hemm applikazzjoni pendenti biex tawtorizzah bhala kaptan tal-bastiment Hannibal 1 u wkoll li kien digà rikonoxxut mid-Dipartiment fis-sena ta' qabel bhala kaptan u li din l-applikazzjoni giet ipprocessata wara l-gurnata tas-sbatax (17) ta' Awwissu;

Illi l-ewwel Qorti kompliet li l-Artikolu 12 tal-Kap 425 jghid illi "Licenzja tas-sajd ghandha tinghata lill-kaptan, lis-sid jew lill-kerrej dwar bastiment tas-sajd specifikat." Fid-definizzjoni ta' kaptan insibu fl-artikolu 2 illi l-kaptan huwa "il-persuna li fil-mument ikollha l-kmand jew tkun inkarigata mill-hidma tas-sajd abbord il-bastiment". Mill-crew list jirrizulta li **Mohamed Elnaggar** kien indikat bhala kaptan. Illi hawnhekk l-ewwel Qorti staqsiet domanda fejn qalet *Pero` x'inhuma l-kundizzjonijiet marbuta ma' dik il-licenzja illi jekk inti ma tosservahomx ikollok ksur tal-artikolu 12?*

Illi skont id-difiza kif ukoll l-ewwel Qorti l-kundizzjonijiet taht l-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 huma dawk biss stipulati fis-subinciz tlieta tal-imsemmi artikolu (3) minn (a) sa (e) li a skans ta' ripetizzjoni u tul zejjed l-esponent mhux ser jerga' jindikahom. Illi skont l-ewwel Qorti il-ksur ta' dan l-artikolu jsehh kemm-il darba l-kaptan ma josservax dawn il-kundizzjonijiet li hemm imnizzla fl-artikolu 12(3). Illi kemm id-difiza kif ukoll l-ewwel Qorti sostnew li din l-imputazzjoni "illi inti nqast li tosserva l-kundizzjonijiet tal-artikolu 12", jekk taqra l-artikolu 12 tal-Kap 425, tara x'inhuma dawk il-kundizzjonijiet illi hemm imnizzla u illi jekk ma tosservahomx tiskatta r-reita taht l-artikolu 12(3). Illi skonthom meta tara l-lista ta' kundizzjonijiet, tara illi l-fatt illi ghandek kaptan li ma kienx awtorizzat li jkun kaptan ma jaqax taht wahda minn dawk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 12. Illi kwindi, dejjem skont id-difiza u l-ewwel Qorti, allura din l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' **Mohamed Elnaggar** ma setghetx tirrizulta ghax ksur tal-artikolu 12 (3) effettivament ma kienx hemm;

Illi l-ewwel Qorti sostniet li l-prosekuzzjoni abbinat mal-fatt li kien kaptan tal-bastiment tas-sajd meta ma kienx awtorizzat. Jista' jirrizultalek ksur taht dispozizzjoni ohra tal-

istess Kap 425 jew ta' xi legislazzjoni sussidjarja ohra. Imma hawnhekk ghandna imputazzjoni specifika li qed isir ksur tal-artikolu 12 tal-Kap 425. L-ewwel Qorti tenniet u rrepetiet li meta wiehed jara dak illi jghid l-artikolu 12 (3), ksur ta' din id-dispozizzjoni ma hemmx u allura **Mohamed Elnaggar** ta' din l-ewwel imputazzjoni ma jistax jinstab hati;

Illi kuntrarjament ghal dak sostnut mid-difiza u l-ewwel Qorti, harsa estensiva senjalament is-subinciz (3) tal-artikolu 12 taht il-Kapitolu 425 fl-ewwel lok jinghad li *l-licenzja tas-sajd tista' tawtorizza s-sajd jew b'mod generali jew suggetta <u>ghal dawk il-kundizzjonijiet</u> li fil-fehma tad-direttur ikunu mehtiega jew necessarji biex ikun regolarizzat is-sajd fil-bahar.* Illi minn din id-dicitura johrog car li l-licenzja tas-sajd tvarja skont il-bastiment u tista' tkun suggetta ghal diversi kundizzjonijiet li mhumiex dawk imnizzla minn (a) sa (e), fil-kaz odjern fuq il-licenzja li tinsab a fol 130 insibu li bhala rkaptu tas-sajd hemm tkarkir, gambli u trill/ hut iehor, li tali rkapti huma konnessi ma' permess specjali li huma soggetti ghall-kundizzjonijiet ulterjuri mnizzla fl-awtorizazzjoni mahruga mid-dipartiment, f'din il-licenzja jidher car ukoll li dan il-bastiment seta' jistad lil hinn minn 25 mil nawtiku;

Illi l-artikolu 12(3) jkompli *u b'mod partikolari licenzja* ***<u>jista'</u>*** *jkollha,* ***<u>bla hsara ghall-generalita' tal-imsemmija kondizzjonijiet</u>****, kondizzjonijiet dwar …* fejn hawnhekk issir referenza ghall-lista minn (a) sa (e). Illi minn tali dicitura johrog car li din il-lista mhijiex wahda ezawrenti kif sostniet kemm id-difiza kif ukoll l-ewwel Qorti. Illi appuntu minn tali dicitura, propju fejn sar enfasi mill-esponent johrog car li tali licenzja **<u>jista' apparti kondizzjonijiet ohra</u>** jkollha wkoll dawn il-kundizzjonijiet minn (a) sa (e) ghax mid-dicitura johrog car li licenzja tas-sajd dejjem hija suggetta ghal kundizzjonijiet ohra li fil-fehma tad-direttur jkunu mehtiega u l-kundizzjonijiet indikati minn (a) sa (e) ma jistghux jaffettaw il-generalità tal-kundizzjonijiet l-ohra li dejjem huma marbuta ma' tali licenzja *inter alia* li biex takkwista licenzja bhala kaptan awtorizzat fuq bastiment tas-sajd primarjament irid ikollok licenzja nawtika, li fil-kaz odjern l-appellat ma kellu l-ebda wahda;

Illi b'kull dovut rispett lejn id-difiza jekk huwa minnu li l-artikolu jghid **ghandhom ikunu** allura dawk ghandhom ikunu l-kundizzjonijiet, imma jew id-difiza ghandha xi ligi differenti minn tal-esponent ghax minn qari akkurat tal-imsemmi artikolu 12 (3) imkien ma hemm indikat li l-*kundizzjonijiet ghandhom ikunu dawk minn (a) sa (e) …*

Illi bir-rispett kollu, il-licenzja nawtika u licenzja tas-sajd huma kundizzjonijiet *sine qua non* ghax minghajrhom bastiment ma jistax ibahhar. Illi ma jistax ikollok persuna li qed jaghmilha ta' kaptan meta dan m'ghandu l-ebda licenzja fuqu la dik ta' kaptan awtorizzat u wisq aktar dik nawtika. Illi mill-provi prodotti johrog car li nhar is-sbatax ta' Awwissu l-appellat ma kellux il-licenzja nawtika li tinhareg minn Transport Malta li hija rekwizit biex id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura johrog licenzja ta' kaptan awtorizzat, vide fol 143 tal-atti senjalament it-tielet (3) kaxxa;

Illi x-xhud **Clayton Buttigieg** a fol 139A et seq ikkonferma li l-licenzja nawtika li tinhareg minn Transport Malta biex applikant jinghata permess ibahhar u li minghajrha persuna la tista' tbahhar skont il-ligi ta' Transport Malta u lanqas ma tinghatalha l-licenzja ta' kaptan awtorizzat. Issa jekk skont l-ewwel Qorti dina mhijiex kundizzjoni krucjali u fundamentali u xejn xejn rekwizit essenzjali fuq il-persuna li trid taghmilha ta' kaptan, l-esponent jishaq li tali konsiderazzjoni b'kull rispett ma hijiex ragonevoli u ma taghmilx sens. Illi fil-licenzja li kienet valida fil-perjodu tal-kaz odjern li giet esebita a fol 80 tal-atti processwali, l-isem tal-kaptan awtorizzat ghal bastiment huwa **Anthony Azzopardi** u mhux l-appellat. Illi jidher car li l-appellat fil-hin tal-ispezzjoni mertu tal-kaz odjern la kellu licenzja nawtika u konsegwenza ta' hekk qatt ma seta' jkollu l-licenzja ta' kaptan awtorizzat u ghaldaqstant ma kienx awtorizzat bhala kaptan tal-bastiment *de quo*;

Illi in sostenn tas-suespost **Clayton Buttigieg** spjega li l-appellat **Mohamed Elnaggar** kien fil-fatt applika biex ikun kaptan tal-bastiment MMFA 7297 Hannibal 1 fejn dan ix-xhud ikkonferma li l-applikazzjoni waslet fid-Dipartiment tas-Sajd fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena kurrenti u giet approvata jumejn wara, vide fol 145 tal-atti, jigifieri ferm wara l-akkadut. Illi spjega wkoll li biex persuna tapplika trid tforni licenzja

nawtika li tohrog minn Transport Malta li fil-kaz tal-appellat dina hargitlu fid-dsatax (19) ta' Awwissu, vide fol 146 tal-atti processwali, u kwindi jumejn wara l-akkadut. Illi fid-dikjarazzjoni li taghmel parti mill-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-ekwipagg li tinsab a fol 144 tal-atti, indikata bhala Section E: Declaration and certification taht ir-raba' punt il-partijiet firmatarji u cioè is-sur **Anthony Azzopardi** u **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar** iddikjaraw *that we are aware and understand the rules governing the fishing sector and that we bind ourselves to follow such rules,* dikjarazzjoni li skont l-esponent zgur li ma onorawx ghax galadarba qed jiddikjaraw li huma jafu x'inhuma r-regoli, it-tnejn kienu konxji li fis-sajda de quo **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar** ma kienx awtorizzat jagixxi ta' kaptan;

Illi fid-dawl tas-suespost issir referenza ghall-artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1224/2009 fejn jistipula li *"Licenzja tas-sajd" tfisser dokument ufficjali li jikkonferixxi lid-detentur tieghu d-dritt, kif determinat mir-regoli nazzjonali, li juza certa kapacità tas-sajd ghall-isfruttament kummerjali tar-rizorsi akkwatici hajjin. Din fiha rekwiziti minimi dwar l-identifikazzjoni, il-karatteristici teknici u l-armar ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni.* Maghdud mar-regola 3(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 404/2011 jistipula li l-licenzji tas-sajd imsemmija fir-regola 6 tar-Regolament (KE) 1224/2009 ghandu jkun fihom tal-anqas l-informazzjoni moghtija fl-Anness II, li fost l-ohrajn hemm l-agent tal-bastiment tas-sajd. L-agent, skont il-licenzja mahruga mid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura huwa proprju l-kaptan awtorizzat. L-awtorizazzjoni ghal tali kaptan hija suggetta ghal dawk il-kundizzjonijiet mitluba fil-process amministrattiv impjegat sabiex tinhareg dik l-awtorizazzjoni. Iktar minn hekk, is-sub-inciz 5 tal-istess Artikolu 3 jistipula illi *l-licenzja tas-sajd ghandha tkun valida biss jekk jibqghu jigu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li abbazi taghhom tkun inharget.* Illi dawn il-kundizzjonijiet kollha fil-generalità taghhom jaqghu kollha taht l-artikolu 12 (3) tal-Kapitolu 425;

Illi tenut kont il-provi kollha prodotti johrog manifestament car li l-appellat fil-hin tal-akkadut ma kienx awtorizzat li jkun kaptan u ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma kellhiex alternattiva hlief li ssibu hati taht l-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta kontrih.

**Is-seba' (7) imputazzjoni – zamm jew halla li jinzamm abbord hut li ma kienx mittiehed skont licenzja tas-sajd.**

Illi skont id-difiza u hekk kif sostnuta mill-Ewwel Qorti mill-provi migjuba ma setghetx tinsab htija fl-appellat **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar** taht din l-imputazzjoni minhabba li l-ingredjenti, l-elementi li jsawru dan ir-reat kienu neqsin;

Illi l-artikolu 13 jistipula li:-

- Kaptan ma jistax abbord bastiment tas-sajd
- Fl-ibhra tas-sajd
- Izomm jew ihalli li jinzamm hut li ma jkunx ittiehed skont licenzja tas-sajd …

Illi in linea preliminari l-esponent isostni li s-sajda *de quo* ma kinitx saret skont il-licenzja tas-sajd li kienet valida nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu tal-elfejn u sittax (2016) peress illi l-kaptan awtorizzat fuqha kien **Anthony Azzopardi** u mhux **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar**. Illi d-difiza sostniet li zewg elementi huma nieqsa peress li fl-ewwel lok l-appellat ma kienx sid il-bastiment u fit-tieni lok peress li l-bastiment Hannibal 1 ma kienx fl-ibhra tas-sajd u cioè 'il barra mill-25 mil nawtiku. Illi fis-sottomissjonijiet taghha fir-rigward dan l-element id-difiza qalet li dan l-artikolu jistipula li, hawnhekk ghalkemm il-proceduri kienu qed jinstemghu bil-Malti d-difiza kkwotat bl-Ingliz, *it shall be an offence for a master* u ghalhekk skont id-difiza peress li l-appellat ma kienx sid il-bastiment dan l-element kien nieqes. Illi l-artikolu 2 ifisser il-kelma *master or fish master in relation to a fishing vessel* bhala *the person for the time being in command or in charge of the fishing operations on board the vessel*;

Illi f'dan l-isfond l-esponent isostni li l-artikolu 13 tal-Kapitolu 425 jaghmel referenza ghall-kelma kaptan li jkun abbord u li jkollu l-kmand tal-bastiment u mhux is-sid tal-bastiment. Illi fil-kaz odjern *de facto* l-appellat kien qed jagixxi b'mod illegali bhala tali;

Illi fuq il-kwistjoni li l-bastiment kien fil-fatt madwar wiehed u tletin (31) mil 'il boghod minn Filfla jinghad li skont il-licenzja valida li hemm annessa fl-atti a fol 130 fuq wara

taghha hemm indikat li l-bastiment mertu tal-kaz odjern Hannibal 1 kien illicenzjat li jopera fiz-zona tal-hamsa u ghoxrin mil f'ilmijiet fondi aktar minn mitejn (200) metru u l-ibhra internazzjonali tal-Mediterran 'il barra mill-hamsa u ghoxrin (25) mil skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) nru. 1967/2006 tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2006. Illi *di piu* fir-rigward l-esponent jishaq li mil-logbook li jinsab anness mal-atti processwali a fol 112, jirrizulta wkoll li dan il-bastiment kien b'mod kostanti jintuza fl-ibhra Maltin u li ghaldaqstant jidher car li nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu kien sejjer jidhol Malta u li kellu abbord hut li ma kienx ittiehed skont il-licenzja tas-sajd peress li l-appellat ma kienx awtorizzat bhala kaptan u qatt ma seta' johrog jistad;

Illi skont l-esponent, l-elementi li jsawru dan ir-reat jissussistu u fi kwalunkwe kaz is-subinciz (4) tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 425 jistipula li *attentat biex isir reat skont dan l-att ghandu minnu nnifsu jitqies bhala reat u ghandu jkun trattat bl-istess mod daqs li kieku r-reat ikun sar.* Illi in vista ta' dan kollu l-ewwel Onorabbli Qorti kellha ssib htija wkoll taht is-seba' (7) imputazzjoni.

**It-tmien (8) imputazzjoni - Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ghadda dokumentazzjoni b'taghrif falz**

Illi l-ewwel Qorti ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazzjoni qalet li l-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati tant li *l-ligi taghna taghmel anke distinzjoni bejn il-falz ideologiku u il-falz materjali. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna [] "Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hija spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut tieghu, ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin, mentri il-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*

Illi skont l-ewwel Qorti *f'dan il-kaz meta wiehed jirreferi ghall-falz ideologiku lanqas ma jista' jinghad li fil-log book taw informazzjoni qarrieqa fis-sens li non e' veridico perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contarie al vero. Mill-atti jirrizulta li dan huwa dokument li ma gie prezentat lil hadd. Dan huwa dokument illi kien elevat mix-xhud Gilbert Balzan illi mar jaghmel*

*din l-ispezzjoni. Il-prosekuzzjoni ma gabitx prova x'fih falz dan id-dokument u jekk jirrizulta li kien fih il-falz min wettaqha. Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Karl (Carmel) Azzopardi, deciza fl-1 ta' Novembru, 2013 intqal li: "Skont l-artikolu 188 tal-Kap 9, m'hemmx ghalfejn id-dokument ikun falz. Skont dan l-artikolu huwa bizzejjed li wiehed jipprezenta dokument li jkollu taghrif qarrieqi. Jigifieri, hawn m'hemmx bzonn li jinholoq dokument falz (ex novo) jew li dokument genwin (bhal, per ezempju xi certifikat tat-twelid) ikollu xi dettalji mibdulin. Xejn minn dan kollu. F'dan il-kaz huwa t-taghrif li kien fih id-dokument li kien falz"*; Illi skont l-ewwel Qorti *dan ma jistax jinghad li gara f'dan il-kaz odjern li t-taghrif moghti lid-dipartiment tas-sajd kien wiehed mhux veritier jew falz*;

Illi fir-rigward jinghad li, ghalkemm id-difiza kif ukoll l-ewwel Qorti sostnew li dan id-dokument ma gie pprezentat lil hadd, bhala procedura dan id-dokument jinhareg u jinghata appuntu mid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura lil kull bastiment tas-sajd[1] u wara kull sajda mad-dhul tal-bastiment fil-port issir spezzjoni mill-ufficjal/i tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fejn il-kaptan huwa obbligat li jaghti lura l-karta l-bajda mimlija bid-dettalji tas-sajda u li din timtela minn hadd hlief il-kaptan. Illi dan kollu kien sejjer jigi spjegat mis-sur **Randall Caruana** ghan-nom tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd li l-ligi stess ittih is-setgha li jaghmel dan bhala parti integrali mill-prosekuzzjoni skont l-artikolu 30 subinciz (8) u li kellu kull dritt jixhed kif ukoll li jitfa' s-sottomissjonijiet tieghu dwar il-kaz izda peress li d-difiza oggezzjonat li din il-persuna titla' tixhed peress li kienet prezenti waqt is-smigh tax-xhieda kollha u peress li skont il-verbal il-prosekuzzjoni, ghal xi raguni ma baqghetx tinsisti ghax-xhieda tas-sur **Caruana**, dan tal-ahhar baqa' ma xehedx[2];

Illi *di fatti* harsa lejn il-kopja mertu tal-kaz odjern li ggib in-numru 13137 fil-parti ta' taht tidher firma tal-ufficjal tad-dipartiment fejn fuq il-firma hemm imnizzel *as per inspection*

---

[1] attwalment qed jintuzaw logbooks li jimtlew b'mod elettroniku fuq bastimenti ta' tnax (12)-il metru tul jew iktar u galadarba tali procedura tibda tiffunzjona sew dawn l-opri tal-bahar jibdew jimlew il-logbook b'dan il-mod biss

[2] illi ghalkemm **Randall Caruana** kellu l-awtorizazzjoni biex jipprosegwixxi l-kaz skont l-artikolu 30(8) kif appena kien sejjer jesebixxi tali awtorizazzjoni d-difiza oggezzjonat li jinstema' dan ix-xhud u l-ewwel Qorti lanqas biss tat cans lilu biex jispjega dan kollu bir-rizultat li xhud indispensabbli baqa' ma nstemghax.

*held*. Illi l-esponent isaqsi jekk il-kaptan li suppost kien abbord, is-**sur Anthony Azzopardi** ma kienx abbord fuq il-bastiment, kif jista' jkun li mela din il-kopja hu? Il-Qorti kif ukoll id-difiza sostnew li ma giex ippruvat x'kien hemm falz fuq dan id-dokument u min kienet il-persuna li fil-fatt nizzlet din l-informazzjoni, fejn ir-risposta abbazi tas-suespost skont l-esponent tohrog wahidha. Illi in vista tas-suespost hawnhekk si tratta ta' falz ideologiku peress li ghalkemm id-dokument huwa wiehed genwin, il-kontenut tieghu huwa wiehed mhux veritier u falz ghax ghalkemm kien hemm indikat li isem il-kaptan kien **Tony Azzopardi** bl-inizjali tieghu b'kollox l-imsemmi persuna fl-ispezzjoni relattiva ma tfacca mkien u ghaldaqstant jidher car l-intenzjoni qarrieqa tal-appellat **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar** li kien hu li mela l-pagna tal-logbook relatata mas-sajda *de quo*;

Illi in vista tas-suespost l-esponent isostni li l-ewwel Qorti fuq il-provi kollha li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha fis-sentenza appellata u dana meta lliberat lill-appellat **Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar** mill-ewwel (1), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni rispettivament.

Ikkunsidrat;

Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) meta l-imputati tressqu taht arrest, l-Ufficjali Prosekuturi qraw u pprezentaw l-akkuzi migjuba kontra l-imputati taht gurament. L-Ispettur Daryl Borg ha l-pedana tax-xhieda u gie mistoqsi domandi fir-rigward tal-prezentata b'arrest tal-imputat, liema xhieda mhijiex traskritta.

Il-Prosekuzzjoni esebiet formalment il-bastiment bl-isem ta' Hannibal 1, MFA7297 u esebiet dokumenti li gew mmarkati bhala Dok DB1[3]. Il-Prosekuzzjoni esebit ukoll il-fedini penali ta' Antony Azzopardi, Mario Azzopardi u Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar kif ukoll estratt mic-certifikat tat-twelid ta' Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi.

[3] Konsistenti f'zewg ritratti, letter to prosecute datata d-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) u kopja taghha.

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) l-Ispettur Daryl Borg talab li ssir korrezzjoni fl-akkuza, fis-sens li l-ahhar akkuza li tghid "lil Anthony Azzopardi wahdu" ser jigu mizjuda mieghu z-zewg imputati l-ohra, cioe' Mario Azzopardi u Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar.

Il-Qorti laqghet it-talba. L-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Jeffrey Scicluna u l-Ispettur Daryl Borg qraw bil-gurament ic-citazzjoni kif korretta.

Is-**Surgent Mark Tabone** xehed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn dwar Hannibal 1 spjega li f'l-Erbgha sbatax (17) ta' Awissu kienu hargu fisheries patrol bil-lanca P52 fejn ghal habta tas-sitta (6:00) lemhu trawler b'registration number 7297 bl-isem Hannibal irregistrat Valletta u kienu xi wiehed u tletin (31) mil 'l barra minn Filfla. Meta telghu jaghmlu l-ispezzjoni talbu id-dokumenti u taghhom l-licenzja tas-sajd. Iccekjaw dwar il-kaptan u l-kaptan kien imnizzel u l-licenzja tas-sajd li taghhom kienet skaduta fl-elfejn u hmistax (2015). F'dik il-licenzja kien hemm imnizzel il-kaptan li kien abbord kien l-istess wiehed li hemm imnizzel fil-licenzja tal-elfejn u hmistax (2015). Meta talbu ghal licenzja valida qalilhom li mhix qieghda ghandhom u nforma lis-sid bex jipprezentalhom fl-Iskwadra Maritima, il-licenzja valida u hallew il-bastiment. Xehed li fuq il-bastiment kellem lil Egizzjan Mohamed Fathallas Tawfik Elnaggar li gharaf fl-awla. Gie esebit Dok MT1 li hija l-licenzja tal-bastiment tas-sajd li taghhom abbord il-bastiment.

Spjega li meta komplew bil-patrol taghhom rcieva email fuq il-mobile mill-Operation Centre taghhom fejn jindika l-permess validu tal-elfejn u sittax (2016) u fil-permess validu tal-elfejn u sittax (2016) l-Egizzjan li kien bhala kaptan dakinhar ma kienx imnizzel bhala kaptan fil-licenzja tal-elfejn u sittax (2016). F'tal-elfejn u sittax (2016) jidher li kien hemm kaptan Anthony Azzopardi, li meta ccekja mad-Dipartiment tas-Sajd kienx hemm xi alterazzjoni minn naha taghhom biex dan il-persuna jahdem bhala kaptan, irrizulta li ma kienx hemm awtorizzazzjoni. Xehed ukoll li l-bastiment tas-sajd

lanqas kellu l-isem tal-bastiment fuq wara, fuq il-poppa tieghu. Mistoqsi dwar irregolaritajiet li jidhru fir-ritratti li gew immarkati bhala Dok MT2 u Dok MT3, wiegeb li l-bastiment ma ghandux isem. Qal li id-dokument MT2 jidher il-bastiment kollu fejn fuq wara ma ghandux l-isem tal-bastiment u fuq id-dokument MT3 huwa iktar close up ta' wara fejn jindika l-isem tal-bastiment mhux qieghed hemmhekk. Hemm il-port registration number kif suppost, u l-port tar-ritorn Valletta huwa tajjeb ukoll. Dwar l-isem tal-bastiment jispjega li l-kulur irid jispikka, jekk hu fuq il-blu taghmlu abjad, u hemm daqs kemm il-ligi tridu. Mistoqsi jekk minn dak li qed jara, huwiex konformi mal-ligi, wiegeb fin-negattiv. Il-licenzja tal-elfejn u sittax (2016) giet esbita bhala Dok MT4 li kien ircieva b'email meta kienu fuq il-bahar fejn il-licenjza valida ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) tindika li l-kaptan huwa Anthony Azzopardi.

In kontro-ezami ikkonferma li mar fuq din id-dghajsa li kienet wiehed u tletin (31) mil l'barra minn Filfla u hemmhekk tela' fuq dan il-bastiment u talabhom ghad-dokumenti. Ikkonferma li tawh dokument tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn kien hemm indikat dan il-kaptan. Kien hemm il-crew fuq dan il-bastiment. Ikkonferma li huwa ma tahomx struzzjonijiet u spjega li bhala procedura meta bniedem ma jkollux id-dokument jaghtuh erbgha u ghoxrin (24) siegha biex igibhom l-Iskwadra Maritima. Fi triqthom ircevew l-email mill-operation center taghhom fejn baghtulhom il-licenzja valida tal-elfejn u sittax (2016). Ikkonferma li f'Dok MT1 ma fih xejn falz kull ma kellu li hu skadut. Ikkonferma li Dok MT4 ircevieh mill-Operations Centre.

**Gilbert Balzan** fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li ghamel spezzjoni fuq il-Hannibal I meta din dahhluha skortata mill-AFM fit-tmintax (18) ta' Awissu. Elevaw il-licenzja abbord il-bastiment barra l-licenza fejn jinkiteb il-fishing logbook. L-irregolaritajiet fl-ispezzjoni kienu li fuq il-licenjza l-iskaduta kien jihder in-nom tal-kaptan Egizzjan. Meta huma ccekjaw suppost kien hemm Tony Azzopardi. Huwa eleva il-log book kif inhu bhala Dok GB2. Ir-rapport dwar l-allegat irregolaritatjiet gie esebit bhala Dok GB 1. Jghid li ma qatahx il-karta, huwa elevah

kollu. Ma mess xejn fuqu '*hlief ghamilt din : . . . inspection today.*' Jghid li hemm hazin fuqu li isem il-kaptan imhassar u qiegħed bhala Toni Azzopardi. Il-bqija bhala log book ma hemmx il-hinijiet ta' kemm dam jistad u tas-sajdiet, imma bhala hut gie jaqbel mal-hut li kien hemm. Gew esebiti ritratti ta' xbieki bhala GB3 u GB4. Jghid li kellu jsir l-immarkar tal-gear jigifieri tal-irkaptu li kellhom isiru mal-blalen u fir-ritratti qed jidher li ma hemmx l-immarkar. Sid il-bastiment informawh bin-nuqqas ukoll tal-immarkar f'din l-email partikolari imsemmija u hemm msemmijin kemm ghandu jaghmel u kemm l-immarkar tal-bastiment, jigifieri irrarkar esterni u anke l-immarkar tal-irkaptu. Giet prezentata ittra elettronika bhala Dok GB5.

In kontro-ezami kkonferma li l-logbook gie elevat minn fuq id-dghajsa li elevah hu personalment. Jghid li kemm elevaw u ma mess xejn minnu. Bhala Inspector ra biss li kien hemm il-maqtuh u hemm mikteb Tony Azzopardi. Mistoqsi l-kaptan huwiex Tony Azzopardi, wiegeb li kien jidher fil-licenzja imma fuq il-bastiment ma kienx hemm Tony Azzopardi. Ma jafx minn hassar jew minn kiteb dan. Jghid li xoghlu Senior Fisheries Protection Officer fid-Dipartiment tas-Sajd. Ikkonferma li meta tidhol lanca tas-sajd, inkluz din il-lanca partikolari, minn naha tad-Dipartiment taghhom imorru u jaghmlu inspection biex jaraw x'dahal u x'ma dahalx, x'hemm u x'ma hemmx. L-inspections gieli ghamilhom fuq il-Hannibal I fil-passat izda kien ilu ma jaghmel wahda fuq il-Hannibal I. Jghid li ma kull landing issir ukoll l-ispezzjoni, ma jfissirx li ssir spezzjoni shiha kif saret. Ghal dan il-landing imorru ufficjali imqabdda mid-Dipartiment tas-Sajd biex jaghmlu dan il-landing tal-hut biex huma jkollhom xi jkun sar u ma sarx. Dawn isiru kull darba li jidhol. Mistoqsi dwar li l-isem fuq il-poppa ma jidhirx u dwar spezzjonijeit ohra, qal li kieku kien hemm dawk l-affarijiet gew imsemmija fl-ispezzjoni tieghu kien u jiehu azzjoni ghax hu jiehu hsieb ukoll l-ispezzjonijiet. jghid li hadd ma gie jghidlu ghalhekk ma hax azzjoni. Mistoqsi jekk hadd ma qallu fuq il-fishing gear, wiegeb li ghax ma kienx immarkat, fil-ligi ghandu li jkun immarkat. L-ispezzjoni in full jigifieri kemm il-gear, imbaghad hemm il-match sizes tal-gear, dawk sabuhom ok, jigifieri fis-sens li ma jsirux kull darba li ssir l-landjar tal-hut.

Ikkonferma li skont il-landings ghajr ghal din l-okkazzjoni, hadd qatt ma rraportalu jew gibidlu l-attenzjoni li fuq il-Hannibal hemm problema fuq il-poppa, il-gear jew fuq il-kaptan. Il-landings mhumiex l-ispezzjoni shiha, li kull ma hi li jhott il-hut u jara x'hut inqabad, daqshekk biss. Ikkonferma li meta rrimarkaw fuq il-kwistjoni tal-gear, din giet ikkoreguta minnufih. Ikkonferma li dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-kaptan, kien hemm ukoll pendenti applikazzjoni ghad-tigdid ta' dan il-permess izda jghid li mill-informazzjoni li kellu l-applikazzjoni ma kinitx ghadha in full jew inkella ma kinitx giet accetatta ghaliex ma kinitx ghada in full.

Skont ma jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) l-Ispettur Daryl Borg pprezenta l-hut ormalment bhala Dok.DB1. Bhala Dok DB1 giet esebita numru ta' dokumentazzjoni.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Christian Magrin** li qal li huwa Compliance Officer fil-Fisheries Department. Dwar il-licenzja tas-sajf, qal li hija licenzja valida mis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) sas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u l-kaptan li kien awtorizzat fuq dak il-bastiment huwa s-Sur Anthony Azzopardi. Dan gie mmamrkat bhala Dokument CMX2. Gie esebit kopja ta' passaport ta' Mohamed Fathallas Tawfek Elnaggar bhala Dokument CMX1 u qal li fit-tali data ma kienx awtorizzat bhala kaptan. L-unika persuna kien Anthony Azzopardi.

In kontro-ezami rega kkonferma li l-licenzja tal-bastiment tas-sajd huwa validu sas-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016). Qabel is-sbatax (17) ta' Awissu l-kaptan kien l-istess. Mistoqsi kienx hemm pendenti applikazzjoni sabiex il-kaptan tal-vapur mis-17 ta' Awissu 'l quddiem ikun indikat bhala l-persuna fuq id-dokument CMX1 ikkonferma li kien hemm applakzzjoni mibdija. Illum il-gurnata giet milquha pero' ma jafx id-data ezatta. Mistoqsi gietx milquha fis-sbatax (17) ta' Awissu, wiegeb li ma jafx. Lanqas ma hu konxju jekk din kinitx ilha pendenti. Lanqas ma huwa konxjux

jekk fis-16 ta' Awissu talbux il-kondotta ta' dan ir-ragel tigi tradotta mill-Egizzjan ghal Malti.

L-**Ispettur Jeffrey Scicluna** xehed fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn prezenta kopja tal-*crew list* li nstabet fuq il-bastiment dakinhar fejn turi li certu Mohamed Fathalla tawfik Elnaggar kien mnizzel bhala kaptan. Dan gie esebit bhala Dokument JSX1.

Fl-istess seduta gie vverbalizzat li Dr Joseph Giglio oggezzjona ghax-xhieda ta' Randall Caruana stante li kien prezenti waqt is-seduti u x-xhieda f'dan il-kaz. Gie vverbalizzat li l-Prosekuzzjoni ma insistitx ghax-xhud.

Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed Clayton Buttigieg li xehed li jahdem fid-Dipartiment tas-Sajd fis-sezzjoni tar-registrar tal-bastimenti u tal-ekwipagg. L-irwoll tieghu huwa ta' manager tal-licenzji tas-sajd. Huwa prezenta dokument immarkat bhala Dok CB1 li hija l-applikazzjoni biex bniedem jirregistra l-ekwipagg fuq il-bastiment tieghu inkluz il-kaptan. F'dan il-kaz, l-applikazzjoni tirrigwardja l-bastiment MFA 7297 fejn l-applikant huwa Mohamed Fathallas Tawfik Elnaggar biex ikun kaptan fuq dan il-bastiment Hannibal I. Din waslet fid-Dipartiment fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016). Mal-applikazzjoni tintalab dokumentazzjoni li hija ritratt tad-dokument tal-identifikazzjoni, contract of engagement, kopja tal-licenzja nawtika, certifikat tal-kondotta, ETC Employment liccense u r-residence permit u working employment visa.

Prezenta Dok CB2 fejn qal li hija licenzja nawtika li tigi mahruga minn Transport Malta biex l-applikant ikun jista' jbahhar fit-tnax (12) il-mil, huwa l-permess biex wiehed ibahhar fit-tnax (12)-il mil. Mistoqsi jekk minghajrha ma jistax ibahhar, wiegeb li fit-tnax (12)-il mil ma jistax skont il-ligi ta' Transport Malta. Il-licenzja nawtika inharget fid-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016). Prezenta ukoll Dok CB3 li hija l-

gustifikazzjoni ghalfejn qieghed jintghazel l-applikant peress li huwa maghzul minn pajjiz iehor irid ikun hemm il-gustifikazzjoni ghalfejn qed jiddahhal persuna barranija. Din tigi sottomessa mal-applikazzjoni. Din iggib id-data tat-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016). Prezenta Dok CB4 li huwa customer care form, meta bniedem jigi biex japplika l-ewwel darba jintlew id-dettalji tar-raguni ghalfejn gie fid-dipartiment taghna, x'mela, x'gab mieghu, x'jonqsu jgib u meta taghlaq l-applikazzjoni, jkun hemm l-approvazzjoni. Fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) talbuh igib il-licenzja nawtika ta' Transport Malta, kopja tal-passaport, l-ittra li semma, l-applikazzjoni li ghandhom hawn u wara talbuh igib it-translation tal-kondotta tal-pulizija. Jghid li hemm sezzjoni E li hija dikjarazzjoni li taqra '*We declare that we are aware and understand the rules governing division sector and that we bind ourselves to follow such rules.*'[4]. Id-dikjarazzjoni giet iffirmata fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016).

Fl-istess seduta l-Prosekuzzjoni ghamlet talba ghal differiment sabiex ittella' l-ahhar xhud taghha Gilbert Balzan sabiex jixhed rigward il-logbook tal-bastiment Hannibal 1. Id-difiza oggezzjonat ghal din it-talba ghal numru ta' ragunijiet. Il-Qorti wara li rrilevat li dan ix-xhud kien diga’ xehed f'dawnn il-proceduri u abbazi ta' numru ta' kunsiderazzjonijiet, ghalqet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) l-iskwadra Marittima tal-AFM lemhu l-bastiment Hannibal 1 xi wiehed u tletin (31) mil l’barra minn Filfla;

---

[4] Din il-parti f'sezzjoni E a fol 144 taqra *'We declare that we are aware and understand the rules governing the fishing sector and that we bind ourselves to follow such rules.'*

2. Illi meta Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar intalab jipprezenta l-licenzja tal-bastiment tas-sajd, dik prezentata kienet skaduta ghalkemm din il-licenzja skaduta kienet tindika lilu bhala l-kaptan;

3. Illi irrizulta li skont il-licenzja valida f'dik id-data ossia fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) kien Anthony Azzopardi li kien indikat bhala l-kaptan u mhux Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar;

4. Illi rrizultaw allegati irregolaritajiet ohra fosthom nuqqasijiet fl-immarkar tal-bastiment u l-identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd u l-irkaptu;

5. Illi l-applikazzjoni '*for the registration of fishing vessel crew*' ta' Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar bhala kaptan giet approvata fil-jiem ta' wara;

6. Illi d-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura informa lil Pulizija bl-allegati reati u talab lil Pulizija sabiex l-imputati jitressqu quddiem il-Qorti. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar, Mario Azzopardi u Anthony Azzopardi.

L-aggravji tal-Avukat Generali jirrigwardaw principalment l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fejn illiberat lil Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar mill-ewwel (1), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi**'[5]

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)

*Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[6]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [7]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[8]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[9]" u ohrajn .)*' (Emfazi mizjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi citati jinsabu fin-noti fil-qiegh tal-pagna)

Ikkunsidrat ukoll:

*'Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[10] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392).'

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[10] [1969] 1 QB 276

(Emfazi mizjuda u dettalji dwar is-sentenzi citati jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna.)

Illi dwar l-ewwel (1) imputazzjoni li l-appellat gie liberat minnha mill-Ewwel Qorti, in succint l-appellant jiprovdi li l-lista fl-artikolu 12(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex wahda ezawrenti u li jista' jkun li licenzja jkollha kondizzjonijiet ohra apparti dawk indikati minn (a) sa (e). Fi kliem l-appellant '*l-kundizzjonijiet indikati minn (a) sa (e) ma jistgħux jaffettaw l-ġeneralita' tal-kundizzjonijiet l-oħra li dejjem huma marbuta ma tali liċenzja inter alia li biex takkwista liċenzja bħala kaptan awtorizzat fuq bastiment tas-sajd primarjament irid ikollok liċenzja nawtika, li fil-każ odjern l-appellat ma kellu l-ebda waħda;*' Jissottometti li l-ligi fl-artikolu 12(3) imkien ma tghid li l-kundizzjonijiet ghandhom ikunu dawn minn (a) sa (e). Jissottometti illi fil-kaz odjern fuq il-licenzja li tinsab a fol 130 '*insibu li bħala rkaptu tas-sajd hemm tkarkir, gambli u trill/ħut ieħor, li tali rkapti huma konnessi ma' permess speċjali li huma soġġetti għall-kundizzjonijiet ulterjuri mniżżla fl-awtorizazzjoni maħruġa mid-dipartiment, f'din il-liċenzja jidher ċar ukoll li dan il-bastiment seta' jistad lil hinn minn 25 mil nawtiku;*'

Jissottometti li mid-dicitura tal-artikolu 12(3) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta johrog car li tali licenzja jista' apparti kondizzjonijiet ohra jkollha wkoll dawn il-kundizzjonijiet minn (a) sa (e) li ma jistghux jaffettwaw l-generalita' tal-kundizzjonijiet l-ohra li dejjem huma marbuta ma tali licenzja *inter alia* li biex takkwista licenzja bhala kaptan awtorizzat fuq bastiment tas-sajd primarjament irid ikollok licenzja nawtika, li fil-kaz odjern l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ma kellu l-ebda wahda. Jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Clayton Buttigieg li kkonferma li l-licenzja nawtika li tinhareg minn Transport Malta biex applikant jinghata permess ibahhar u li minghajra persuna la' tista' tbahhar skont il-ligi ta' Transport Malta u lanqas ma tinghatalha l-licenzja ta' kaptan awtorizzat. Jissottometti li jekk skont l-Ewwel Qorti din mhijiex kundizzjoni krucjali u fundamanetali u xejn xejn rekwizit essenzjali fuq il-persuna li trid taghmilha ta' kaptan, l-appellant jishaq li tali konsiderazzjoni ma hijiex ragonevoli u ma taghmilx sens. Illi l-licenzja li kienet valida fil-perjodu tal-kaz esebita a fol 80, l-isem tal-kaptan awtorizzat ghal bastiment huwa Anthony Azzopardi u mhux l-appellat. Jidher

car li l-appellat fil-hin tal-ispezzjoni mertu tal-kaz la kellu licenzja nawtika u konsegwenza ta' hekk qatt ma seta' jkollu l-licenzja ta' kaptan awtorizzat u ghaldaqstant ma kienx awtorizzat bhala kaptan tal-bastiment de quo. Jaghmel referenza ghax-xhieda li jikkonferma li l-appellat Mohamed Enaggar kien applika biex ikun kaptan tal-bastiment MFA 7297 Hannibal 1, fejn l-applikazzjoni waslet wara l-akkadut. Issottometta li Clayton Buttigieg spjega li biex persuna taplika trid tforni licenzja nawtika li tohrog minn Transport Malta, li fil-kaz tal-appellat harget jumejn wara l-akkadut u cioe fid-dsatax (19) ta' Awissu. Jissottometti li fid-dikjarazzjoni tal-applikazzjoni Anthony Azzopardi u Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar iddikjaraw '*that we are aware and understand the rules governing the fishing sector and that we bind ourselves to follow such rules*'.

L-appellant Avukat Generali ghamel referenza ukoll ghar-regolament (KE) 1224/2009 li jipprovdi definizzjoni ta' "Liċenzja tas-sajd". Jaghmel referenza ukoll ghar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 404/2011 li jistipula li l-licenzji tas-sajd imsemmija imsemmija fir-regola 6 tar-Regolament (KE) 1224/2009 ghandu jkun fihom tal-anqas l-informazzjoni moghtija fl-Anness II, li fost l-ohrajn hemm l-agent tal-bastiment tas-sajd. Skont l-Avukat Generali, l-agent skont il-licenzja mahruga mid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura huwa proprju l-kaptan awtorizzat. L-awtorizzazzjoni hija suggetta ghal kundizjonijiet mitluba fil-process amministrattiv impjegat sabiex tinhareg dik l-awtorizzazzjoni. Jissottometti li s-sub inciz 5 tal-artikolu 3 jistipola li l-licenzja tas-sajd ghandha tkun valida biss jekk jibqghu jigu sodisfatti l-kundizzjonijiet li abbazi taghhom tkun inharget. Ghalhekk skont l-appellant il-kundizzjonijiet kollha fl-generalita' tghhom jaqaw kollha taht l-artikolu 12(3) tal-Kapitolu 425. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti ma kellhiex alternattiva hlief li ssibu hati tal-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta kontrih.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel imputazzjoni taqra:

*'Talli l-persuna li fil-mument kella l-kmand tal-bastiment, Mohamed Fathala Tawfik Elnaggar, ma kienx awtorizzat taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali, bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta;'*

Ghalhekk l-akkuza hija dik li ghalkemm Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) kellu l-kmand tal-bastiment, huwa ma kienx awtorizzat biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali. Is-Surgent Mark Tabone li xehed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li '*Il-Hannibal I l-Erbgha sbatax (17) ta' Awwissu konna hrigna fisheries patrol bil-lanca P52, ghal habta tas-sitta (6:00) lmahna trawler b'registration number 7297 bl-isem Hannibal irregistrat Valletta u konna xi wiehed u tletin (31) mil 'il barra minn Filfla. Meta tlajna naghmlulu l-ispezzjoni tlabnieh id-dokumenti, xoghol ta' rutina taghna u tana l-licenzja tas-sajd. Iccekkjejna dwar il-kaptan, l-kaptan kien imnizzel u l-licenzja tas-sajd li tana kienet skaduta fl-elfejn u hmistax (2015). F'dik il-licenzja kien hemm imnizzel il-kaptan li kien abbord kien l-istess wiehed li hemm imnizzel fil-licenzja ta' l-elfejn u hmistax (2015). Meta tlabnieh ghal licenzja valida qalilna: Mhix qieghda ghandna u nforma lill-owner biex jipprezentahielna fl-Iskwadra Marittima l-licenzja valida u hallejnieh dan il-bastiment.*'

Spjega li '*Meta komplejna bil-patrol taghna rcivejt email fuq il-mobile mill-Operation Centre taghna fejn jindika l-permess validu ta' l-elfejn u sittax (2016) l-Egizzjan li kien bhala kaptan dakinhar ma kienx imnizzel bhala kaptan fil-licenzja tal-elfejn u sittax (2016). F'ta' l-elfejn u sittax (2016) jidher li kien hemm kaptan Anthony Azzopardi, meta ccekkjajt mad-Dipartiment tas-Sajd jekk kienx hemm xi altirezzazzjoni minn nahha taghhom biex dan il-persuna jahdem bhala kaptan ma kienx hemm awtorizazzjoni...*' Gilbert Balzan li xehed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega ukoll li fuq il-licenzja, l-kaptan tal-bastiment kien Tony Azzopardi izda fuq il-bastiment ma kienx hemm Tony Azzopardi. Filfatt fid-dokument GB1 a fol 90 ossia dokument ta' spezzjoni bhala master tnizzel '*Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar*'.

Christian Magrin li xehed fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) dwar il-licenzja valida mis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax

(2016) sas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li l-kaptan li kien awtorizzat fuq dak il-bastiment huwa s-Sur Anthony Azzopardi u kkonferma li Mohamed Fathalla Tawfek Elnaggar ma kienx awtorizzat li jkun kaptan dak iz-zmien. Filwaqt li jirrizulta li fil-crew list esebita mill-Ispettur Jeffrey Scicluna fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar kien imnizzel bhala kaptan. Dan jirrizulta mid-dokument esebit bhala Dokument JSX1 a fol 132 fejn fuqha jirrizulta timbru ta' Malta Police SEAPORT IMMIGRATION' datat '*23 Mar 2016*'. Clayton Buttigieg fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li kien hemm applikazzjoni minn Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar biex ikun kaptan fuq il-bastiment Hannibal li waslet fid-Dipartiment fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016). Spjega li bhala parti mid-dokumentazzjoni mehtiega mal-applikazzjoni ta' kaptan jehtieg li jkun hemm kopja tal-licenzja nawtika li tigi mahruga minn Transport Malta biex l-applikant ikun jista' jbahhar fit-tnax (12)-il mil, liema licenzja nawtika inharget fid-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016). Fost spjegazzjonijiet ohra, xehed li fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena efejn u sittax (2016) id-dipartiment kien talab lil applikant ghal dokumentazzjoni.

Illi ghalhekk jirrizulta car li l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar li fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) kellu l-kmand tal-bastiment tant li kien imnizzel bhala kaptan, ma kellux l-awtorizzazzjoni li jkun kaptan tal-bastiment. Fil-fatt il-licenzja immarkata bhala Dok MT1 a fol 77 li tindika lil Mohamed Fathalla Tawfik Elaggar bhala kaptan tindika bhala perjodu ta' validita' mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) sas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Filwaqt li fil-kopja tal-licenzja tal-bastiment tas-sajd li tidher a fol 80 u li kienet valida bejn it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u s-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) tindika lil Anthony Azzopardi bhala l-kaptan tal-bastiment u ghalhekk dak in-nhar ossia fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ma kienx awtorizzat mid-Dipartiment

biex jagixxi bhala kaptan fuq il-bastiment in kwistjoni. L-ewwel imputazzjoni taqra' '*Talli l-persuna li fil-mument kellu l-kmand tal-bastiment, Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar, ma kienx awtorizzat taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali, bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta*'. (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Taht il-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, kaptan huwa definit bhala '*dwar bastiment tas-sajd, il-persuna li fil-mument ikollha l-kmand jew tkun inkarigata mill-ħidma tas-sajd abbord il-bastiment;*'

Ghalkemm jirrizulta ampjament pruvat li Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar li kellu l-kmand tal-bastiment dak in-nhar ma kienx awtorizzat taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi biex ikun kaptan ta' bastiment Hannibal 1, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(1) Liċenza tas-sajd għandha tingħata lill-kaptan, lis-sid jew lill-kerrej dwar bastiment tas-sajd speċifikat.*

*(2) Il-ħruġ ta' kull liċenza tas-sajd tkun fid-diskrezzjoni tad-Direttur li jista' jawtorizza, jew is-sajd b'mod ġenerali, jew għal skopijiet ta' konservazzjoni, jista' jagħti awtorità limitata bil-miktub b'riferenza b'mod partikolari għal -*

*(a) area li fiha s-sajd ikun awtorizzat;*

*(b) il-perijodi, iż-żminijiet jew vjaġġi partikolari li matulhom is-sajd ikun awtorizzat;*

*(ċ) id-deskrizzjonijiet, kwantitajiet, daqs u preżentazzjoni ta' ħut li jista' jittieħed;*

*(d) il-mod tas-sajd.*

*(3) Liċenza tas-sajd tista' tawtorizza s-sajd jew b'mod ġenerali jew suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li fil-fehma tad-Direttur ikunu meħtieġa jew neċessarji biex ikun regolarizzat is-sajd fil-baħar, jew il-konservazzjoni jew l-amministrazzjoni tas-sajd fl-ibħra tas-sajd u b'mod partikolari liċenza jista' jkollha, bla ħsara għall-ġeneralità tal-imsemmija kondizzjonijiet, kondizzjonijiet dwar -*

*(a) it-tniżżil fuq l-art ta' ħut taħt l-awtorità tad-detentur tal-liċenza;*

*(b) l-immarkar tal-bastiment tas-sajd liċenzjat;*

*(ċ) ir-reġistrazzjoni tal-ħidmiet tas-sajd li għandhom jinżammu abbord il-bastiment tas-sajd liċenzjat;*

*(d) it-tagħmir ta' navigazzjoni u l-mapep li għandhom , jinġarru abbord il-bastiment tas-sajd liċenzjat; u*

*(e) il-post jew il-postijiet fejn bastiment tas-sajd liċenzjat jista' jittrasborda l-ħut;*

*u jekk il-kaptan u s-sid jew il-kerrej tal-bastiment tas-sajd jiksru xi waħda mill-kondizzjonijiet preskritti fil-liċenza, dan ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux anqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73).*

*(4) Liċenza tas-sajd tista' tkun -*

*(a) mibdula minn żmien għal ieħor, jew*

*(b) revokata jew sospiża, jekk, fil-fehma tad-Direttur, dan ikun meħtieġ jew neċessarju biex ikun regolat is-sajd fil-baħar, il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tas-sajd fl-ibħra tas-sajd jew għall-benefiċċju ekonomiku ta' Malta.*

*(5) Ebda qorti ma tista' toħroġ mandat ta' inibizzjoni jew xi att li prima facie hu fil-poter tiegħu li jagħmel skont dan l-Att, qabel ma jkun hemm sentenza finali li dak li jkun ser jagħmel ikun illegali:*

*Iżda minn meta jsir xi appell kontra d-deċiżjoni tad-Direttur skont l-artikolu 39 ta' dan l-Att, u sakemm tingħata sentenza finali fuq dak l-appell, id-Direttur ma jkunx jista' jieħu ebda azzjoni li jkollha x'taqsam direttament mal-kwistjoni li tkun taħt appell.*

*(6) Jekk liċenza tas-sajd tkun varjata, revokata jew sospiża, id-Direttur jista', jekk jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, iħallas lura d-dritt kollu mħallas għal-liċenza jew parti minnu.*

*(7) Ma tista' tittieħed ebda azzjoni għal danni kontra d-Direttur minħabba fit-twettiq da parti tiegħu tas-setgħat skont is-subartikolu (4).'*

Ir-*REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika*

*Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006* fl-artikolu 4 jiddefinixxi 'Licenzja tas-sajd' bhala '*dokument uffiċjali li jikkonferixxi lid-detentur tiegħu d-dritt, kif determinat mir-regoli nazzjonali, li jużа ċerta kapaċità tas-sajd għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin. Din fiha rekwiżiti minimi dwar l-identifikazzjoni, il-karatteristiċi tekniċi u l-armar ta' bastiment tas-sajd Komunitarju;*'

Filwaqt li r-'*REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd*' jipprovdi fl-artikolu 3.3 li '*l-liċenzji tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Kontroll għandu jkun fihom tal-anqas l-informazzjoni mogħtija fl-Anness II.*' L-anness II fost informazzjoni ohra minimi ghall-licenzji tas-sajd tnizzel id-detentur tal-licenzja / sid il-bastiment tas-sajd / l-agent tal-bastiment tas-sajd. Skont l-appellant Avukat Generali, l-agent skont il-licenzja mahruga mid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura huwa proprju l-kaptan awtorizzat.

L-Ewwel Qorti b'referenza ghal Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkunsidrat li:

'*Jekk il-kaptan ma josservax dawn il-kondizzjonijiet li hawn imnizzla fl- artiklu 12(3) allura jiskatta l-ksur tal-ligi, tiskatta l-ksur tad-dispozizzjoni illi hemm stipulata f'dan l-artiklu. Din l-imputazzjoni "illi inti nqast li tosserva il-kundizzjonijiet tal-artiklu 12," jekk taqra l-artiklu 12 tal-Kap 425, tara x'inhuma dawk il-kundizzjonijiet illi hemm imnizzla u illi jekk ma tosservahomx tiskatta r-reita taht l-artiklu 12(3). Meta tara il-lista ta' kundizzjonijiet tara illi l-fatt illi inti ghandek kaptan li ma kienx awtorizzat li jkun kaptan ma jaqax taht wahda minn dawk il- kundizzjonijiet imsemmijia fl-artiklu 12. U allura din l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Mohamed Elnaggar ma tistax tirrizulta ghax ksur tal-artiklu 12(3) effettivament ma*

*hemmx*'.

L-imputazzjoni tirrigwarda li Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ma kienx awtorizzat biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali bi ksur tal-artikolu 12 tal-kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta izda ma tipprovdix ' *illi inti nqast li tosserva il-kundizzjonijiet tal-artiklu 12*'. L-artikolu 12 jiprovdi ghal htigijiet u kondizzjonijiet f'licenzja dwar bastiment lokali u barranin. Is-subartikolu 3 ta' dan l-artikolu jistipula numru ta' kondizzjonijiet li licenzja tas-sajd tkun soggetta ghaliha u li jekk ma jigux osservati jiskatta l-ksur tal-ligi. Kif tajjeb indika l-Avukat Generali, din il-lista kuntrarjament ghal dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata mhijiex wahda ezawrenti u ghalhekk ma teskludix li licenzja ikollha kondizzjonijiet ohra. Ghalhekk minkejja kaptan li mhux awtorizzat biex jagixxi bhala tali mhijiex bi ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet indikati fl-artikolu 12(3) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jfissirx li ma jkunx kemm ksur ta' licenzja jekk individwu iehor li ma jkunx awtorizzat jagixxi bhala kaptan, jagixxi bhala tali minflokk il-persuna awtorizzata u mnizzla fil-licenzja. Stabbilit li l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ma kienx awtorizzat taht id-disposizzjonijiet tal-ligi biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali fid-data in kwistjoni, din il-Qorti trid tistabilixxi jekk il-fatt li l-prosekuzzjoni indikat li kien hemm ksur tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti setghetx biss tara jekk kienx hemm ksur taht l-artikolu indikat u allura jekk il-Qorti ma kinitx marbuta biex issib htija o meno tahtu jew jekk dak l-artikolu kienx biss indikattiv. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

'*Il-Prosekuzzjoni qieghda tabbinha mal-fatt li kien kaptan tal-bastiment tas-sajd meta ma kienx awtorizzat. Jista' jirrizultlek ksur taht dispozizzjoni ohra tal-istess Kap 425 jew ta' xi legislazzjoni sussidjarja ohra. Imma hawnhekk ghandna imputazzjoni specifika. L-imputazzjoni hi illi qed isir ksur tal-artiklu 12 tal-Kap 425. Intenni u nirrepeti meta wiehed jara dak illi qed jghid l-artiklu 12(3). Ksur ta' din id- dispozizzjoni ma hemmx u allura Mohamed Elnaggar ta' din l-ewwel imputazzjoni ma jistax jinstab hati.*'

Jekk din il-Qorti kellha tqis li l-imputazzjoni hija abbinata ma' ksur tal-artikolu 12 tal-

Kapitolu 425, dan ifisser li gialadarba l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar ma kienx registrat bhala l-kaptan anke jekk agixxa bhala tali, ma setghax ikun kiser kondizzjoni f'licenzja izda *se mai* kisirha l-persuna li kienet awtorizzata bil-licenzja li jagixxi bhala kaptan u l-persuni registrati fuq il-licenzja valida u li ghalhekk kienu marbutin biex jagixxi fit-termini taghha. Filfatt l-artikolu 12 jitkellem dwar htigijiet u kondizzjonijiet f'licenzja dwar bastimenti lokali u barranin u ghalhekk jekk hemm ksur ta' kundizzjoni, dan il-ksur ikun gie kommess mid-detentur tal-licenzja. Fl-ittra li tinstab a fol 10 u mmarkata bhala Dok DB1 mibghuta minn Randall Caruana bhala Direttur (Sajd) u indirizzata lis-Supretendet Stephen Mallia fl-Ghassa tal-Belt, li din il-Qorti qieghda tinterpreta bhala *letter to prosecute*, din l-ewwel imputazzjoni ukoll giet indikata bhala li l-persuna li fil-mument kellha l-kmand tal-bastiment, Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar, ma kienx aworizzat taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali, kien bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, tant li f'din l-ittra tindika ukoll il-piena applikabbli kif dispost fl-artikolu 12(3). Ghalhekk il-Qorti kienet marbuta biex tiddeciedi fl-ambitu ta' dak li jiprovdi l-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u kif tajjeb ikkunsidrat ma setghetx tmur oltre u tifli jekk il-fatt li Mohamed Fathallas Tawfik Elnaggar bhala l-persuna li fil-mument kellha l-kmand tal-bastiment ma kienx awtorizzat taht id-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali kienx bi ksur ta' provvedimenti ohra tal-ligi.

Din il-Qorti hija tal-fehma li anke li kieku kellha tikkunsidra li l-fatt li l-persuna li kellu l-kmand tal-bastiment dak in-nhar ma kienx awtorizzat bil-ligi biex jagixxi bhala kaptan tant li lanqas kellu licenzja nawtika valida u l-licenzja tas-sajd *in vigore* ma kinitx tindika lill-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar bhala l-kaptan u ghalhekk kien hemm ksur tal-licenzja tas-sajd u dan stante li kif jissottometti l-appellant '*liċenzja nawtika u liċenzja tas-sajd huma kundizzjonijiet sine qua non għax mingħajhom bastiment ma jistax ibaħħar*', jirrizulta li kienu l-persuni li l-licenzja kienet torbot ossia d-detenturi tal-licenzja fosthom os-sid il-bastiment u l-kaptan indikat fuq il-licenzja li setghu kienu bi

ksur tal-licenzja tas-sajd taht l-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux min kien attwalment fuq il-bastiment. Ghalhekk l-appellat ma setghax jikser kondizzjoni ta' licenzja li ma tghajjatx u ma torbotx lilu. L-appellant Avukat Generali jaghmel referenza ghal applikazzjoni li tinsab a fol 140 *et sequitur* fejn senjatament fejn f'sezzjoni E hemm iddikjarat '*We declare that we are aware and understand the rules governing the fishing sector and that we bind ourselves to follow such rules.*' liema dikjarazzjoni hija ffirmata mis-sid tal-bastiment fejn hemm isem Anthony Azzopardi u mill-kaptan fejn hemm isem Mohamed Fathala Tawfik Elnaggar u l-firem taghhom. Din pero' ghalkemm taht il-firem hemm id-data tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), din waslet ghand id-Dipartiment wara l-akkadut u cioe' fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) u approvata fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016). Ghalhekk gialadarba din l-applikazzjoni fid-data mertu tal-akkuza ma kinitx approvata, ma jreggix l-argument tal-Avukat Generali li '*dikjarazzjoni li skont l-esponent żgur ma onorawx għax ġaladarba qed jiddikjaraw li huma jafu x'inhuma r-regoli t-tnejn kienu konxji li fis-sajda de quo* ***Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar*** *ma kienx awtorizzat jaġġixxi ta' kaptan;*' Irrispettivament ta' jekk l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar kienx jaf li ma kienx awtorizzat bhala kaptan, gialadarba l-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar licenzja tas-sajd, tali licenzja u l-obbligi u l-kundizzjonijiet taghha kienet torbot lid-detentur tal-licenzja u l-persuni li jidhru fuq dik il-licenzja.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk tikkonferma li l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar mhuwiex hati tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi s-seba' imputazzjoni taqra '*U kif ukoll talli naqas milli jottempora għall-obbligi tiegħu taħt l-artikolu 13 tal-Kap. 425 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi żamm jew ħalla li jinżamm abbord il-bastiment tas-sajd ħut li ma kienx mittieħed skont liċenzja ts-sajd provduta taħt l-Att;*'

Illi l-appellant Avukat Generali fl-appell tieghu sostna li s-sajda ma kinitx saret skont il-licenzja tas-sajd li kienet valida nhar is-sbatax (17) ta' Awissu tal-elfejn u sittax (2016) peress li l-kaptan awtorizzat fuqha kien Anthony Azzopardi u mhux Mohammed Fathalla Tawfik Elnaggar. Illi skont l-appellant, l-artikolu 13 tal-Kapitolu 425 jaghmel referenza ghal kelma 'kaptan' li jkun abbord u li jkollu l-kmand tal-bastiment u mhux is-sid tal-bastiment. Jissottometti li *de facto* l-appellat kien qed jagixxi b'mod illegali bhala tali. Dwar il-fatt li l-bastiment kien madwar wiehed u tletin (31) mil il-boghod minn Filfla ssottometta li skont il-licenzja valida annessa a fol 130 fuq wara taghha hemm indikat li l-bastiment kien licenzjat li jopera fiz-zona tal-hamsa u ghoxrin (25) mil f'ilmijiet fondi aktar minn mitejn (200) metru u l-ibhra internazzjonali tal-Mediterrann il-barra mill-hamsa u ghxrin (25) mil skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) nru 1967/2006 tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2006. L-appellant jishaq ukoll li mill-logbook anness a fol 112 jirrizulta li l-bastiment kien b'mod kostanti jintuza fl-ibhra Maltin u li ghaldaqstant jidher car li fis-sbatax (17) ta' Awissu kien sejjer jidhol Malta u li kellu abbord hut li ma kienx ittiehed skont il-licenzja tas-sajd peress li l-appellat ma kienx awtorizzat bhala kaptan u qatt ma seta' johrog jistad. Jissottometti li l-elementi li jsawwru r-reat jissusti u fi kwalunkew kaz is-subinciz (4) tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 425 jistipula li attentat biex isir reat skont dan l-att ghandu minnu nnifsu jitqies bhala reat u ghandu jkun trattat bl-istess mod daqs li kieku r-reat ikun sar.

Illi l-Ewwel Qorti ikkunsidrat li mill-provi migjuba ma tistax issib hati lill-imputat Mohamed Fathallas Tawfik Elnaggar ta' din l-imputazzjoni minhabba li l-ingredjenti, l-elementi li jsawwru dan ir-reat huma neqsin.

L-artikolu 13 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kaptan ma jistax, abbord bastiment tas-sajd, fl-ibħra tas-sajd, iżomm jew iħalli li jinżamm ħut li ma jkunx ittieħed skont liċenza tas-sajd provduta skont dan l-Att jew f'ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti għall-protezzjoni ta' stocks ta' ħut.*'

Kif gia kkunsidrat 'kaptan' taht il-Kapitolu 425 hija definita bhala ' *dwar bastiment tas-sajd, il-persuna li fil-mument ikollha l-kmand jew tkun inkarigata mill-ħidma tas-sajd abbord il-bastiment;*'

Taht l-istess Kapitolu, "ibħra tas-sajd" tfisser l-ibħra tas-sajd ta' Malta kif imfisser skont l-artikolu 3. L-artikolu 3 tal-istess Kapitolu jaqra:

'*L-ibħra tas-sajd ta' Malta jinkludu:*
*(a) l-ibħra interni;*
*(b) l-ibħra territorjali hekk dikjarati skont l-artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; u*
*(ċ) kull ibħra oħra li dwarhom bi proklama, liġi jew konvenzjoni li tkun fis-seħħ, jew li jkollha forza ta' liġi, f'Malta jkunu ġew dikjarati drittijiet sovrani għall-fini ta' esplorazzjoni u esplojtazzjoni, konservazzjoni u amministrazzjoni ta' riżorsi ħajjin f'dawk l-ibħra.*'

Filwaqt li l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 226 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Għall-finijiet tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd u ta' kull liġi oħra li għandha x'taqsam mas-sajd, sew jekk tkun saret qabel jew wara dan l-Att, l-ibħra territorjali ta' Malta għandhom, biex jiġu eżerċitati d-drittijiet sovrani bil-għan li jiġu esplorati u esplojtati, konservati u maniġġati fihom ir-riżorsi naturali li jgħixu u, jew li ma jgħixux, jestendu sa wisa ta ħamsa u għoxrin mil nawtiku 'l barra mil-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-ibħra territorjali, u, għall-finijiet ta' dak li ntqal qabel, il-ġurisdizzjoni testendi sa hemmhekk.*'

Meta xehed is-Surgent Mark Tabone fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li '*lmahna trawler b'registration number 7297 bl-isem Hannibal irregistrat Valletta u konna xi wiehed u tletin (31) mil 'il barra minn Filfla.*' Ghalhekk anke jekk din il-Qorti kellha tacceta l-interpretazzjoni tal-Avukat Generali rigwardanti t-

tifsira ta' kaptan fl-ambitu tal-artikolu 13 bhala li Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar *de facto* kellu l-kmand tal-bastiment u li ghalhekk kien ai fini ta' dan l-artikolu il-kaptan, jirrizulta li meta twaqqaf il-bastiment, dan kien xi wiehed u tletin (31) mil 'il barra minn Filfla u ghalhekk ma kienx fl-ibhra tas-sajd kif definit mill-ligi. Il-fatt li l-bastiment HANNIBAL 1 kien licenzjat li jopera fiz-zona tal-25 mil f'ilmijiet fondi aktar minn 200m u fl-ilmijiet kollha 'il barra mill-25 mil skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1967/2006 tal-21 ta' Dicembru 2006 ma jfissirx li kien jinstab '*fl-ibhra tas-sajd*' kif definit mill-ligi. In oltre, lanqas ma jirrizulta b'liema mod il-hut ma kienx mittiehed skont il-licenzja tas-sajd. Gilbert Balzan fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*Il-bqija bhala log book m'hemmx il-hinijiet ta' kemm dam jistad u tas-sajdiet, imma bhala hut ukoll gie jaqbel mal-hut li kien hemm.*' Jirrizulta mil-log book esebit a fol 112 senjatament fil-pagna immarkata bin-numri '13137' Ma hemmx imnizzlin numru ta' dettalji inkluz l-hinijiet kemm dam jistad izda din il-Qorti ghandha d-dubji taghha jekk il-prosekuzzjoni kinitx qieghda tirreferi ghal dan il-fatt mela akkuzat lill appellat b'din l-imputazzjoni, liema dubju ghandu jmur favur l-imputat. In oltre jirrizulta li dan gie elevat u mhux ipprezentat u ghalhekk lanqas ma jistax jinghad li dan kien dokument iffinalizzat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-argument tal-Avukat Generali li l-fatt li l-kaptan ma kienx awtorizzat biex jagixxi bhala tali jfisser li l-hut ma kienx mittiehed skont il-licenzja imur oltre l-akkuza kif migjuba mill-prosekuzzjoni ossia li zamm jew halla li jinzamm abbord il-bastiment tas-sajd hut li ma kienx mittiehed skont licenzja tas-sajd. Il-mertu ta' din is-seba' (7) akkuza huwa l-'*hut li ma kienx mittiehed skont licenzja tas-sajd*' u mhux li l-kaptan ma kienx awtorizzat li jagixxi bhala tali. Din il-Qorti thoss li tkun qieghda taghmel '*fishing expedition*' u tkun qieghda tmur oltre l-imputazzjoniji kif migjuba jekk kellha takwipera l-fatt li l-persuna li kellha l-kmand tal-bastiment ma kienx awtorizzat biex jagixxi bhala tali mal-akkuza rigwardi zamma ta' hut abbord li ma ttiehidx skont licenzja tas-sajd.

Din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-argument tal-Avukat Generali fejn jissottometti li mill-log book a fol 112 jirrizulta li l-bastiment kien b'mod kostanti jintuza fl-ibhra

Maltin u li ghaldaqstant skont l-appellant jidher car li fis-sbatax (17) ta' Awissu kien sejjer jidhol Malta u li kellu abbord hut li ma kienx ittiehed skont il-licenzja tas-sajd. Gialadarba l-bastiment ma kienx fl-ibhra tas-sajd kif definit mill-ligi, skont ma jirrizulta mill-provi u ma jirrizultax car x'kien jikkonsisti l-ksur tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, is-seba' (7) imputazzjoni ma setghetx tirrizulta. L-argument tal-Avukat Generali ossia dwar l-artikolu 30(4) tal-Kapitolu 425 li jistipula '*attentat biex isir reat skont dan l-Att għandu minnu nnifsu jitqies bħala reat u għandu jkun trattat bl-istess mod daqslikieku r-reat ikun sar*.' ma jistax jigi akkolt stante li ma hemmx provi li jikkonfermaw li kien hemm tentattiv ossia li jinzamm jew jithalla li jinzamm abbord hut li ma kienx mittiehed skont licenzja tas-sajd fl-ibhra tas-sajd. Ghalhekk gustament, l-Ewwel Qorti ma sabitx htija tas-seba' (7) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tmien imputazzjoni taqra '*Għadda dokumentazzjoni b'tagħrif falz fir-rigward tal-kaptan preżenti abbord il-bastiment lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura.*' L-Avukat Generali issottometta li ghalkemm id-difiza u l-Ewwel Qorti sostnew li dan id-dokument ma gie prezenta lil hadd, bhala procedura dan id-dokument jinhareg u jinghata appunta mid-Dipartiment tas-sajd u Akkwakultura lil kull bastiment tas-sajd u wara kull sajda mad-dhul tal-bastiment fil-port issir spezzjoni mill-ufficjali tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fejn il-kaptan huwa obbligat li jaghti lura l-karta l-bajda mimlija bid-dettali tas-sajda u li din timtela minn hadd hlief il-kaptan. Skont l-appellant Avukat Generali dan ser jigi spjegat minn Randall Caruana ghan-nom tad-Direttur tad-Dipartiment tas-sajd li l-ligi stess taghtih is-seta' li jaghmel dan bhala parti integrali mill-prosekuzzjoni skont l-artikolu 30(8) u li kellu kull dritt jixhed kif ukoll li jitfa' s-sttomissjonijiet tieghu dwar il-kaz izda peress li d-difiza oggezzjonat li din il-persuna titla' tixhed peress li kienet prezenti waqt is-smiegh tax-xhieda kollha, ma xehedx.

Din il-Qorti tibda biex tissottolinea li dwar li l-appellant Avukat Generali jissottometti li Randall Caruana sejjer jaghti spjegazzjoni, ghajr ghal dak provdut fir-rikors tal-appell, ma saret l-ebda talba formali quddiem din il-Qorti sabiex l-Avukat Generali jipproduci lil dan ix-xhud f'dan l-istadju, bhal kif lanqas ma jirrizulta li l-appellant kien qieghed jappella mill-oggezzjoni tad-difiza biex jixhed Randal Caruana stante li kien prezenti waqt is-seduti u x-xhieda fil-kaz. In oltre, jirrizulta li fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Prosekuzzjoni ma insistitx ghal dan ix-xhud u ghalhekk f'dan l-istadju, din il-Qorti tista' toqghod biss fuq il-provi li gew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u mhux fuq dak li l-appellant Avukat Generali jissottometti li dan ix-xhud kien ser jixhed dwaru.

Dwar il-kopja bin-numru 13137 fil-log book li tidher a fol 121 jirrizulta isem kaptan maqtuh u minflokk hemm miktub Tony Azzopardi, meta fir-realta' Tony Azzopardi ghalkemm kien l-kaptan awtorizzat biex jagixxi bhala tali fid-data in kwisjoni, ma kienx il-kaptan prezenti abbord izda kien l-appellat Mohamed Fathala Tawfik Elnaggar. L-Ewwel Qorti fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidrat li:

' *F'dan il-kaz meta wiehed jirreferi ghal-falz ideologiku lanqas ma jista' jinghad li fil-log book taw informazzjoni qarrierqa fis-sens li non e veridico perche colui che lo ho formato gli fi dire cose contrario al vero.*

*Mill-atti jirrizulta li dan huwa dokument li ma gie prezentat lil hadd. Dan huwa dokument illi kien elevat mix-xhud Gilbert Balzan illi mar jaghmel din l-ispezzjoni. Il-prosekuzzjoni ma gabitx prova x'fih falz dan id-dokument u jekk jirrizulta li kien fih il-falz min wettaqha.*'

Illi din il-Qorti dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton George Spiteri'**[11] fejn gie kkunsidrat li:

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu, 2007 (Appell Kriminali Numru. 40/2006)

*'Permezz ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti kontra l- appellant, huwa gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 188 (l- ewwel imputazzjoni) u l-artikolu 189 (it-tieni, it-tielet u r- raba' imputazzjonijiet) tal-Kodici Kriminali. Ir-reat deskritt fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Paul Galea*** *moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:*

***"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l- awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id- dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."'***

Meta xehed Gilbert Balzan fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li '*meta gejt mistoqsi jigifieri biex nara x'dokumenti ha neleva elevajt ukoll dan il-log book kif inhu, kif qieghed miktub elevajt ukoll dan il-log book kif inhu, kif qieghed miktub elevajtu kif inhu.*' Spjega '*..jiena stess qtajtha l-karta, ghax is-soltu meta jidhol il-bastiment, dan elevajtu kollu jiena ghax gejt mgharraf biex nelevah kollu...*' Spjega '*Li hemm hazin fuqu li isem il-kaptan imhassar u qieghed bhala Toni Azzopardi. Il-bqija bhala log-book m'hemmx l-hinijiet ta' kemm dam jistad u tas-sajdiet, imma bhala hut ukoll gie jaqbel mal-hut li kien hemm.*'

Illi din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fis-sens li mill-atti jirrizulta li l-logbook ma gie prezentat lil hadd u li kien elevat minn Gilbert Balzan li mar jaghmel din l-ispezzjoni meta l-bastiment Hannibal 1 iddahhlet skortata mill-AFM. L-appellant Avukat Generali jispjega li hawnhekk si tratta ta' falz ideologiku peress li ghalkemm id-dokument huwa wiehed genwin il-kontenut tieghu huwa wiehed mhux veritier u falz ghax ghalkemm kien hemm indikat li isem il-kaptan kien Tony Azzopardi bl-inizjali tieghu b'kollox, l-imsemmi persuna fl-ispezzjoni relattiva ma tfaċċa mkien u ghalhekk skont l-appellant jidher car l-intenzjoni qarieqa tal-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar li kien hu li mela l-pagna tal-logbook relatat mas-sajda de quo. Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja l-fatt li hemm isem il-kaptan maqtuh u minflokk tnizzel Tony Azzopardi li fir-realta' ma kienx jinsab fuq il-bastiment, jibqa' l-fatt li dan id-dokument gie elevat meta il-Hannibal 1 giet skortata mill-AFM. Ghalhekk ma jirrizultax li l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar '*Għadda dokumentazzjoni b'tagħri falz fir-rigward tal-kaptan preżenti abbord il-bastiment lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura.*' Filfatt jirrizulta li d-d-dokument ennumerat 13137 fil-logbook fejn hemm imnizzel 'Kaptan/Agent' lanqas ma huwa ffirmat izda tirrizulta firma fejn hemm miktub '*As per inspection held today 18/08/2016*'. Din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq is-suppozizzjonijiet maghmulha mill-Avukat Generali, gialadarba din il-pagna mill-logbook ma jirrizultax li giet ipprezentata izda biss li l-logbook shih gie elevat, mhux biss ma jirrizultax li dan gie mghoddi u ghalhekk fit-termini tal-imputazzjoni, u lanqas ma jista' jinghad b'certezza li l-appellat Mohamed Fathalla Tawfik Elnaggar kien dak li mela d-dokument. Ghalhekk l-

intenzjoni kriminuza tieghu ma tistax tirrizulta fuq bazi ta' minghajr dubju detatt mir-raguni. Prova indizzja li twassal ghal aktar minn konkluzjoni wahda ma tistax twassal ghal htija stante li trid tkun unikova. Jista' jkun hemm numru ta' suspetti dwar l-agir tal-appellat, izda fil-kamp penali il-Qrati ma jistghux jistriehu fuq suspetti izda jridu jiddeciedu abbazi tal-provi prodotti. Kif ikkunsidrat fid-dettal fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur James Grech vs Raymond Galea'**[12]:

*'Illi huwa minnu kif stqarret id-difiza li hija l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u l-appellant ma ghandu ghalfejn jaghmel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu u jista' jistrieh biss fuq il- provi prodotti.*

*Il-prosekuzzjoni hija tenuta tressaq l-ahjar provi. Hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista' jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti, huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti, mhux ammessi. Huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid tghamlu billi bil-provi taghha, twassal lil min irid jiddecidi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'setgha gara, probabbilment jew possibilment, ma jikkostitwixxu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputati prezunti nnocenti, m'ghadhom jippruvaw xejn, izda jekk ihossu li ghandhom jippruvaw xi haga, dan jistghu jghamluh, anke jekk jaslu sal-grad ta' probabbli.*

*Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta'* ***Lord Denning*** *tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika:-*

*"That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence of course it is possible but not in the least*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 285/2017)

*probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*[13]"

*Huwa veru li fil-kamp penali, l-provi ndizzjarja hafna drabi huma aktar importanti mill- provi diretti, huwa veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.'*

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx lill-imputat Mohamed Fathalla Elnaggar hati tat-tmien (8) imputazzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Dr. Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

[13] Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)